# ID-DAWL

FRAR 2026 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 98

**"Sidna, aħna tabilħaqq nemmnu. Nitolbuk biex taħfrilna dnubietna u tħarisna mill-kastig tan-Nar."**




Il-Gratitudni u l-Imħabba | L-ispirtu tar-Ramadan | L-Iżlam jippermetti t-Tipjip? | Sejħa għall-bini tal-Paċi

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# Il-gratitudni u l-imħabba profonda

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Kien hemm persuna qaddisa u tassew devota. Darba kien bilqiegħda ma' niesu, mad-dixxipli tiegħu, u jitkellmu dwar xi suġġett importanti. Sadanittant, waslet qoffa mimlija ħelu. Il-qoffa ġiet ippreżentata lilu, huwa qassam il-ħelu kollu bejn kulħadd u ħa waħda hu stess. Id-dixxipli kielu l-ħelu malajr b'żelu kbir. Il-ħelu kollu spiċċa u l-qoffa saret vojta, iżda, dan il-bniedem twajjeb żamm il-ħelwa tiegħu f'idejh u beda jikolha biċċa biċċa, ħarira ħarira. Wara kull biċċa li kien jiekol, kien jintilef fil-ħsibijiet profondi.

Dan ma jfissirx li kulħadd jiekol hekk kull darba, iżda xi kultant xi stati speċjali ta' konnessjoni ma' Alla jġiegħlu persuna li tiekol b'tali mod li dan ukoll isir pjaċevoli; u hemm tgawdija speċjali.

Allura d-dixxiplu qal, kilna l-ħelu, ħadna gost bih, u int bilqiegħda żżomm waħda biss. Qed tiekol kull qamħ, x'qed jiġri? Allura dan il-bniedem twajjeb qal, meta niekol qed naħseb fl-istess ħin dan il-ħelu kif sar u kif wasal għandna. Anke naħseb dwar il-proċess sħiħ li, id-dqiq li użat fih, kif kien isir? Kont naħseb li ċertu sid ta' art xi mkien qam kmieni filgħodu waqt li d-dinja kienet għadha tistrieħ. Kienet ix-xitwa jew is-sajf? Dak il-bidwi ħa l-għodda tal-biedja tiegħu u telaq lejn l-għelieqi, ħarat hemm, kabbar il-qamħ u mbagħad il-qamħ kien lest u sar dqiq li ntuża f'dan il-ħelu. Waqt li kien qed jaħdem, ma kienx jaf għaliex Alla li Jista' Kollox kien qed jeħodlu dan ix-xogħol. Ma kienx jaf li qamħa mill-frott ta' dan ix-xogħol iebes kienet se tispiċċa f'ħalqi.

**ID-DAWL**

FRAR 2026 – Numru 98 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

INDEX

Gratitude and profound love 02
The spirit of Ramadan 04
Does Islam permit smoking? 06
A call to peace building 07
The concept of solidarity 08

www.ahmadiyya.mt/id-dawl **Qoxra:** iStock.com/Forclick Studio

Imbagħad ħsibt dwar il-għodod li wħud minnhom kienu magħmula mill-injam u l-ħadid, u anke l-barrin żgur li ġew minn xi mkien. Anke dawn inħadmu. Allura qablu kien hemm mastrudaxxa li kien qed jaħdem u qata' l-injam apposta u mbagħad ħsibt li, żgur li kien hemm xi ħadd li mar fil-foresta biex jaqta' l-injam. Imbagħad bdejt naħseb dwar il-foresta, kemm kienet tkun 'il bogħod il-foresta u kemm kien ikun diffiċli biex taqta' l-injam.

Qal li qamħa waħda li kilt spiċċat, iżda, dan is-suġġett u l-vjaġġ kollu ta' dan il-ħelu kien għadu għaddej imbagħad qamħ ieħor imbagħad qamħ ieħor u b'dan il-mod is-suġġett baqa' joħroġ mis-suġġett. Wara d-dqiq, kien hemm bżonn taż-żejt, iz-zokkor, imbagħad il-borma li fiha l-ħelu kien ippreparat u msajjar, imbagħad is-sistema ta' kummerċ li permezz tagħha l-affarijiet kienu jinbiegħu u jaslu għand il-ħanut u mbagħad jasal għand il-konsumaturi.

Dan is-suġġett u l-filosofija marbuta miegħu kien bla limitu, bla tmiem. Il-ferħ u l-kuntentizza li ħassejt meta rriflettejt fil-fond fuq is-sbuħija u l-barkiet ta' Alla kien ferm akbar mill-pjaċir li niekol dik il-ħelwa. Meta l-pjaċir ta' xi ħaġa sempliċi daqs ħelwa jsir mezz biex niftakru f'Alla, minnha jitwieled ferħ tassew meraviljuż u profond.

## Ilsien twil

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li, **"M'hemm ebda karatteristika oħra agħar għall-bniedem minn persuna bi lsien twil."** F'post ieħor, huwa qal, **"Il-fidil veru huwa wieħed li minn ilsienu u minn idejh fidili oħra huma siguri u jinsabu fil-paċi u s-sliem."** Bla dubju, is-sbuħija tas-soċjetà tinsab fil-moderazzjoni, it-temperanza, il-paċenzja, il-kortesija, it-tolleranza, u l-ġustizzja. Jekk inkunu neqsin minn dawn, jinqalgħu mġibiet bħall-aggressjoni, estremiżmu, traskuraġni, ansjetà, ingratitudni, intolleranza u illegalità. Għalhekk, jekk verament irridu ngħixu f'soċjetà tajba u nobbli, allura għandna nwieġbu għal kull ħażen bit-tajjeb, inwieġbu kull ħruxija b'mod pożittiv u bi kliem ħelu, nuru umiltà u riluttanza bħala tweġiba għall-arroganza. Nirbħu l-mibegħda bl-imħabba u l-kompassjoni. Nimlew il-qalb mimlija mibegħda u preġudizzju bl-imħabba u l-affezzjoni. Nagħtu l-prijorità lill-valuri fuq il-poter. Minflok egoiżmu, nadottaw attitudni altruwista. Insiru ġentili u ta' manjieri ħelwin, attenti fil-kliem, onesti fil-kitba u t-taħdit u ħelwin mill-qalb.



# L-ispirtu tar-Ramadan

iStock.com/Leolintang

Ir-Ramadan huwa xahar sagru ta' tiġdid spiritwali u riflessjoni personali għall-Musulmani madwar id-dinja. Matul dawn il-jiem imbierka, dawk li jemmnu josservaw is-sawm minn filgħodu sa filgħaxija filwaqt li jiddedikaw ruħhom għat-talb, il-qima, u t-tifkira ta' Alla li Jista' Kollox, ifittxu l-ħniena, il-maħfra, u l-pjaċir Tiegħu.

Fl-Iżlam, is-sawm jestendi ferm lil hinn milli wieħed jastjeni mill-ikel u x-xorb. Huwa att olistiku ta' devozzjoni li jrawwem id-dixxiplina personali, il-paċenzja, u l-kompassjoni. Il-Musulmani huma mħeġġa jżidu fl-għemejjel tajbin, jevitaw imġiba ta' ħsara, u jippurifikaw qlubhom u moħħhom mid-dnub u n-negattività, u jagħmlu r-Ramadan perjodu trasformattiv ta' tkabbir morali u spiritwali.

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: "Intom li temmnu, is-sawm huwa obbligatorju għalikom, bħalma kien għal dawk ta' qabilkom, ħalli tkunu tistgħu ssiru devoti." (Il-Koran, 2:184)

Il-karità u l-kura għall-inqas fortunati jinsabu fil-qalba tar-Ramadan. Il-ġenerożità tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, matul dan ix-xahar ġiet imqabbla b'mod famuż ma' riħ jonfoħ, li jissimbolizza tjubija

bla limitu u altruwiżmu. Atti ta' għoti—kemm jekk permezz ta' appoġġ finanzjarju, l-għoti ta' ikel lill-imġewħin, jew l-għajnuna lil dawk fil-bżonn—huma enfasizzati b'mod speċjali.

Il-Koran Imqaddes, il-kelma divina ta' Alla, għandu post ċentrali fir-Ramadan. Il-Musulmani jiddedikaw ħin għall-qari, is-smigħ, u r-riflessjoni fuq it-tagħlim tiegħu, filwaqt li jistinkaw biex japplikaw il-gwida tiegħu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Ħafna jimmiraw li jlestu l-qari tal-Koran kollu mill-inqas darba matul ix-xahar, u b'hekk ir-Ramadan huwa żmien meta l-Koran isir l-aktar ktieb moqri fid-dinja kull sena.

L-Iżlam jipprovdi kompassjoni u flessibbiltà fl-osservanza tas-sawm. It-tfal, l-anzjani, in-nisa tqal, u dawk li huma morda huma eżentati. Dawk li ma jistgħux isumu jistgħu jikkumpensaw billi jitimgħu lill-foqra, filwaqt li s-sawm mitluf jista' jitlesta aktar tard fis-sena meta ċ-ċirkostanzi jippermettu.

Ir-Ramadan fl-aħħar mill-aħħar iservi bħala tfakkira tal-fidi, l-empatija, u t-tiġdid personali—opportunità biex tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' wieħed ma' Alla u mal-umanità inġenerali.

## Talba għall-protezzjoni mix-Xitan

"Mulejja, jiena nistkenn fik mit-tfesfis tax-xjaten; u nistkenn fik, Sidi, li ma jmorrux jersqu lejja (*bil-ħsara tagħhom*)." (Il-Koran, 23:98-99)

## Talb biex inkunu sodi fil-fidi

"Sidna, la tħallix li qlubna jitilfu triqithom wara li Inti tkun iggwidajtna; u uri magħna l-ħniena Tiegħek. Inti tabilħaqq tagħti b'idejk miftuħin." (Il-Koran, 3:9)

"Mulej Tagħna, aħna tabilħaqq nemmnu. Nitolbuk biex taħfrilna dnubietna u tħarisna mill-kastig tan-Nar." (Il-Koran, 3:17)

"Sidna, Inti ma ħlaqtx dan kollu għalxejn. Sebħ lilek. Ħarisna mill-kastig tan-Nar!" (Il-Koran, 3:192)

# L-Iżlam jippermetti t-tipjip?

It-tipjip mhuwiex iddikjarat esplicitament ipprojbit (*haram*) fl-Iżlam, iżda minħabba li jagħmel il-ħsara lis-saħħa tal-bniedem, huwa skoraġġut bil-qawwa. Hekk kif il-valeni mhumiex iddikjarati pprojbiti speċifikament, hekk ukoll mhumiex imsemmija sustanzi oħra impuri jew ta' dannu għall-bniedem. Madanakollu, il-ħsara tagħhom hija mifhuma ċar u tond bil-loġika u s-sens komun. Il-Koran Imqaddes u l-indirizzi tal-Profeta, il-paċi tkun fuqu, ma jelenkawx kull ħaġa ta' dannu, iżda jenfasizzaw il-prinċipji u l-għerf li jmorru ma' dawn l-affarijiet. L-Iżlam iħeġġeġ ukoll l-użu tal-ġudizzju personali biex wieħed jiddistingwi bejn dak li jagħmillu ġid u dak li jagħmillu l-ħsara. F'dawn il-ħwejjeġ, l-individwi huma mistennija li jagħmlu għażliet għaqlin u responsabbli.



L-Iżlam jagħmel enfasi kbira fuq is-saħħa, l-indafa u l-ħarsien tal-ħajja. Illum kulħadd jaf li t-tipjip jagħmel ħafna ħsara kemm lil min ipejjep u kemm lil dawk li jkunu fil-qrib ta' min ipejjep. Is-sigaretti fihom għadd ta' sustanzi valenużi u perikolużi bħan-nikotina, l-ossidu tal-karbonju u l-arseniku. Dawn is-sustanzi jħallu effetti negattivi, ippruvati xjentifikament, fuq il-ġisem u anki fuq l-ambjent.

L-Iżlam jgħallem: **"Toqtlux jew tagħmlux deni lilkom infuskom"** (Il-Koran, 4:30). Filwaqt li t-tipjip ma jwassalx għal mewta jew qerda immedjata, bla dubju li jikkawża ħafna ħsara wara ċertu żmien. Għaldaqstant, fid-dawl tal-prinċipji Iżlamiċi, it-tipjip huwa meqjus bħala *makrooh*—skoraġġut jew mhux mixtieq—anki jekk mhuwiex ikkategorizzat esplicitament bħala *haram* (ipprojbit).

Xi affarijiet li jikkawżaw il-ħsara mhumiex imniżżlin individwalment fil-Koran, iżda s-sens ta' loġika u ħsieb mogħtijin lilna minn Alla jgħinuna biex nagħrfu dak li huwa ħażin. Bħalma b'mod naturali aħna nevitaw l-ikel imħassar jew il-ħmieġ, hekk ukoll aħna għandna nevitaw użanzi bħat-tipjip li jeqirdulna saħħitna u l-benesseri tagħna. Barra minn hekk, l-Iżlam jagħti importanza kbira lill-iġjene u 'l-indafa. It-tipjip jikkomprometti lit-tnejn. Huwa jħalli riħa tinten fin-nifs tal-persuna, fuq l-idejn, il-ħwejjeġ, u l-ambjent—xi ħaġa li tmur kontra l-etikett Iżlamiku tal-indafa personali u pubblika.

Barra r-riskji għas-saħħa, it-tipjip huwa għali wkoll. Ammonti kbar ta' flus jintefqu kull sena fuq is-sigaretti u prodotti oħra tat-tabakk—riżorsi li jistgħu jintużaw b'modi oħrajn għall-ġid tal-familja u tal-komunità. Il-Koran Imqaddes jiskoraġġixxi l-estravaganza u l-ħela. (Il-Koran, 17:27-28)

Bħala konklużjoni, filwaqt li t-tipjip mhux espliċitament ipprojbit, huwa skoraġġut bil-qawwa fl-Iżlam minħabba l-effetti negattivi tiegħu fuq l-individwu u s-soċjetà. Musulman kuxjenzjuż għandu jħabrek biex jevitah b’rispett lejn il-ġisem, il-ħajja u l-komunità inġenerali.

# Sejħa għall-bini tal-paċi



iStock.com /Lana2011

It-tagħlim Iżlamiku joffri gwida profonda f’dan ir-rigward. Il-Koran Imqaddes jiddikjara: “It-tajjeb u l-ħażin mhumiex l-istess. Irreżisti l-ħażen b’dak li hu l-aħjar. Għaliex ara, dak li bejnek u bejnu hemm ostilità u mibegħda jsir bħallikieku ħabib tal-qalb.” (Il-Koran, 41:35)

Dan il-vers jenfasizza prinċipju morali qawwi: anke l-għemil ħażin għandu jiġi kkonfrontat bl-aħjar kondotta, strateġija u attitudni possibbli. Tweġibiet pożittivi u bbażati fuq il-prinċipju jrawmu l-armonija, il-kooperazzjoni u r-rikonċiljazzjoni—kwalitajiet li d-dinja llum teħtieġ b’mod iddisprat. F’vers ieħor, il-Koran isejjaħ lil dawk li jemmnu biex iħaddnu l-paċi bis-sħiħ: “O intom li temmnu, idħlu fil-paċi kompletament.” (Il-Koran, 2:209)

Waqt li jiddeskrivi l-kwalitajiet tal-qaddejja twajbin ta’ Alla, il-Koran Imqaddes jiddikjara: “Il-qaddejja ta’ Alla l-Ħanin huma dawk li jimxu fuq l-art b’mod dinjituż u b’umiltà, u meta l-injoranti jindirizzawhom, huma jgħidu, ‘Sliem, u Paċi!’” (Il-Koran, 25:64)

Dan it-tagħlim jipprovdi gwida ċara dwar kif in-nazzjonijiet u l-mexxejja għandhom jirrispondu għall-kriżijiet. Meta jinqalgħu sitwazzjonijiet spjaċevoli jew perikolużi, dawn għandhom jiġu ttrattati b’moderazzjoni, għerf, umiltà, u umanità. Huwa biss permezz ta’ dan l-approċ li l-paċi tista’ tiġi ppreservata u l-ordni globali protetta minn aktar erożjoni.

# Il-kunċett ta' solidarjetà fl-Iżlam

Is-solidarjetà fl-Iżlam hija bbażata fuq il-fratellanza, l-għaqda, u l-appoġġ reċiproku. Il-Koran jiddikjara li dawk li jemmnu huma bħal aħwa, u dan is-sens ta' fratellanza jestendi lil hinn mill-fidi għall-umanità kollha kemm hi. L-Iżlam jgħallem li n-nies kollha huma ugwali fid-dinjità, irrispettivament mill-isfond tagħhom, u li s-superjorità hija ġġudikata biss mit-tjieba u l-karattru tajjeb. Dan it-twemmin jippromwovi l-għaqda u jiskoraġġixxi d-diskriminazzjoni, il-mibegħda, u l-inġustizzja.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, iddeskriva l-komunità bħala ġisem wieħed: meta parti waħda tbati, il-ġisem kollu jħoss l-uġigħ. Din il-metafora qawwija tgħallem l-empatija u r-responsabbiltà, u tħeġġeġ lill-individwi biex joqogħdu flimkien fi żminijiet ta' tbatija u biex jappoġġjaw lil dawk fil-bżonn.

Fl-Iżlam, li taqdi lill-umanità mhuwiex sempliċement dmir soċjali iżda att ta' qima. Li tgħin lill-foqra, tieħu ħsieb il-morda, tappoġġja lill-orfni, u tiddefendi l-ġustizzja huma kollha azzjonijiet premjati ħafna. Il-Koran ripetutament jikkmanda lill-fidili biex juru qalb tajba mal-ġenituri, qraba, ġirien, vjaġġaturi, orfni, romol, foqra u dawk fil-bżonn.

Il-karità hija espressjoni prattika ta' servizz fl-Iżlam. Iż-Żakat huwa att obbligatorju li jiżgura li l-ġid jinqasam u li s-soċjetà tibqa' bbilanċjata, filwaqt li Sadaqah hija karità volontarja li tirrifletti sinċerità u kompassjoni. Permezz ta' dawn il-prattiki, l-Iżlam joħloq sistema fejn il-benesseri soċjali u l-kura reċiproka huma partijiet essenzjali tal-fidi.

L-Iżlam jagħti importanza kbira lill-ħniena. Il-Profeta Muħammad intbagħat bħala ħniena għall-umanità kollha, mhux biss għall-Musulmani. Ħajtu kienet mimlija eżempji ta' maħfra, qalb tajba, u kura għall-oħrajn, inklużi dawk li mhumiex Musulmani, il-foqra, u anke l-annimali. L-Iżlam jgħallem li meta turi ħniena lejn l-oħrajn tistieden il-ħniena ta' Alla fuqek innifsek.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**